

20.11.2023

A9-0316/83

**Emenda 83**

**João Pimenta Lopes**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0316/2023**

**René Repasi**

Regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti  
(COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Huwa importanti li jiġi stabbilit qafas legali li jindirizza b'mod effettiv l-obsolexxenza ppjanata, li ddgħajjef il-possibbiltà ta' tiswija u l-lonġevità tal-oġġetti mixtrija. Għal dak il-għan, l-estensjoni tal-perjodi ta' garanzija jenħtieġ li tiġi regolata, flimkien mal-istabbiliment ta' standards ta' produzzjoni u ta' assemblaġġ li jagħmluha possibbli li jiġu separati l-prodotti u sostitwiti l-komponenti, inkluż mill-utenti, meta applikabbli, u jenħtieġ li tiġi introdotta projbizzjoni fuq l-inklużjoni fil-programmazzjoni ta' kwalunkwe applikazzjoni ta' linji ta' kodiċi li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tul tal-ħajja jew l-effettività ta' apparat.*

Or. pt

20.11.2023

A9-0316/84

**Emenda 84**

**João Pimenta Lopes**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**René Repasi**

Regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti  
(COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))

**A9-0316/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaforma online tinkludi wkoll funzjoni ta' tiftix skont il-kategorija tal-prodott biex jinstabu bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar u xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaforma online, **li għandu jkollha reġistru ta' sewwejja lokali, ikkategorizzat skont is-settur tal-attività, li jippermetti lill-konsumaturi jsibu sewwejja xierqa, u li b'hekk tappoġġja l-introduzzjoni ta' negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju akkreditati fis-settur tat-tiswija**, tinkludi wkoll funzjoni ta' tiftix skont il-kategorija tal-prodott biex jinstabu bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar u xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar.

Or. pt

20.11.2023

A9-0316/85

**Emenda 85**

**João Pimenta Lopes**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0316/2023**

**René Repasi**

Regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti  
(COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-akkreditazzjoni tas-sewwejja lokali għandha tkun mingħajr ħlas għan-negozji mikro, iżgħar u ta' daqs medju u għandha titwettaq mil-laboratorji kompetenti tal-Istati Membri.***

Or. pt